## L-EŻODU TAGĦNA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju.**
**Dewt 26, 4-10**

Mose' kellem lill-poplu u qal: "Il-qassis imbagħad jilqa' minn idejk il-qoffa, u jqegħidha quddiem l-artal tal-Mulej, Alla tiegħek. Inti mbagħad tgħid hekk quddiem il-Mulej, Alla tiegħek: 'Missieri kien minn Aram, jiġri minn post għal ieħor; imbagħad niżel l-Eġittu u għammar hemm. Żgħir kien l-għadd ta' niesu, iżda hemmhekk sar poplu kbir, qawwi u kotran. L-Eġizzjani ħaqruna, għakksuna, għabbewna b'xogħol iebes; u aħna għajjatna lill-Mulej, Alla ta' missirijietna, u l-Mulej sema' l-għajta tagħna, ra t-tgħakkis u t-tbatija u d-dwejjaq tagħna, u ħariġna l-Mulej mill-Eġittu, b'id qawwija, bi driegħ merfugħ, b'biża' kbir, b'sinjali u għeġubijiet, u daħħalna f'dan il-post, tana din l-art, art tnixxi ħalib u għasel. U issa, ara, jiena ġibt l-ewwel frott ta' l-art li tani l-Mulej, biex inqiegħdu quddiem il-Mulej, Alla tiegħek'.''

**l-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 90**
**Kun miegħi, Mulej, fid-dwejjaq.**

Min igħix għall-kenn ta' l-Għoli,
min igħammar għad-dell ta' dak li jista' kollox,
hu jgħid lill-Mulej:
"Kenn tiegħi u qawwa tiegħi int,
Alla tiegħi, li fih nittama.''

**R/. Kun miegħi, Mulej, fid-dwejjaq**

Ebda deni ma jiġrilek,
ebda ħsara ma tersaq lejn darek.
Għax l-anġli tiegħu jibgħatlek,
biex iħarsuk fi triqatek kollha.

**R/ Kun miegħi, Mulej, fid-dwejjaq.**

Fuq idejhom jerfgħuk,
li ma taħbatx ma' xi ġebla riġlek.
Fuq l-iljun u fuq il-lifgħa int timxi,
ljun żgħir u serp b'riġlejk tgħaffiġhom.

**R/. Kun miegħi, Mulej, fid-dwejjaq.**

La tħabbeb miegħi, jiena neħilsu;
la għaraf ismi, jiena nħarsu.
Hu jsejjaħli, u jiena nwieġbu;

miegħu nkun fid-dwejjaq,
neħilsu u nagħtih ġieh.

**R/. Kun miegħi, Mulej, fid-dwejjaq.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta’ San Pawl Appostlu lir-Rumani.**
**Rum 10, 8-12**

Ħuti: Xi tgħid l-Iskrittura? ‘Il-Kelma qiegħda ħdejk, f’fommok u f’qalbek,’ jiġifieri, l-kelma tal-fidi li aħna nxandru. Għax jekk inti tistqarr b’fommok, ‘Ġesu’ hu l-Mulej’, u temmen qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, inti issalva. Wieħed jemmen f’qalbu biex ikollu l-ġustifikazzjoni u jistqarr b’xufftejh biex ikollu s-salvazzjoni. L-Iskrittura tgħid, ‘Kull min jemmen fih ma jintilifx.’ Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; hu s-Sid ta’ kulħadd u għani ma’ dawk kollha li jsejħulu. Għax ‘kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva’.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**
Il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix, imma b’kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta’ San Luqa.**
**Lq 4, 1-13**

F’dak iż-żmien: Ġesu’ mimli bl-Ispirtu s-Santu, reġa’ lura mill-Ġordan u tqanqal mill-Ispirtu biex imur fid-deżert, fejn għal erbgħin jum kien imġarrab mix-xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbagħad, meta għaddew, ħadu l-ġuħ. Għalhekk ix-xitan qallu: “Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż.’’ U Ġesu’ wieġbu: “Hemm miktub li ’l-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix’.’’ Imbagħad ħadu fil-għoli u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f’ħin wieħed; u qallu x-xitan: “Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja tagħhom ukoll għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid. Jekk tinxteħet quddiemi tadurani, kollha tiegħek tkun.’’ Ġesu’ wieġbu u qallu: “Hemm miktub, ‘Lill-Mulej Alla tiegħek, tadura, u lilu biss taqdi.’ ‘’ Imbagħad ħadu Ġerusalem, qiegħdu fuq il-quċċata tat-Tempju, u qallu: “Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel. Għax hemm miktub li ‘lill-anġli tiegħu jordnalhom biex jieħdu ħsiebek sewwa,’ u li’ fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma xi ġebla’.’’ Wieġeb Ġesu’ u qallu: “Jingħad, ‘Iġġarabx lill-Mulej, Alla tiegħek’.’’ Imbagħad ix-xitan, meta temm dan it-tiġrib kollu, telaq minn ħdejh sa ma jasal il-waqt.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**